

# L-għan tal-Bord tal-Appell

Il-proċess tal-appelli joffri lill-partijiet milquta l-opportunità li jitolbu reviżjoni indipendenti ta' ċerti deċiżjonijiet tal-ECHA (li jittieħdu skont ir-Regolament REACH u r-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali).

L-appelli kollha jiġu kkonsidrati mill-Bord tal-Appell fuq bażi ta' kull każ għalih.

L-għan tal-Bord tal-Appell huwa li jikkonsidra l-appelli kollha bl-aktar mod effettiv u effiċjenti possibbli. Dan jinkludi, pereżempju, l-assigurazzjoni li:

- id-drittijiet tal-partijiet kollha involuti fl-appell ikunu rrispettati;
- ikunu applikati standards ta' integrità eżemplari b'mod imparzjali u indipendenti fil-proċess ta' deċiżjoni tal-Bord tal-Appell; u
- l-appelli jkunu kkunsidrati kemm minn sfond legali kif ukoll minn perspettiva xjentifika.

# Ir-Registrar tal-Bord tal-Appell

Il-Bord tal-Appell huwa assistit mir-Reġistru. B'mod partikolari, ir-Reġistru huwa responsabbli mil-komunikazzjoni kollha bejn il-Bord tal-Appell u dawk kollha involuti fil-proċeduri ta' appell.



## Kuntatti

IL-KOMUNIKAZZJONIJIEN KOLLHA LILL-BORD TAL-APPELL  
IRIDU JKUNU INDIRIZZATI LIR-REĠISTRU TAL-BORD TAL-  
APPELL.

[echa.europa.eu](http://echa.europa.eu)

EUROPEAN CHEMICALS AGENCY  
REGISTRY OF THE BOARD OF APPEAL  
ANNANKATU 18, P. O. BOX 400,  
FI - 00121 HELSINKI, FINLAND  
PHONE +358-9-686180  
TELEFAX +358-9-68618930  
E-MAIL: [appeal@echa.europa.eu](mailto:appeal@echa.europa.eu)

# Il-Bord tal-Appell għall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Reviżjoni indipendenti tad-deċiżjonijiet tal-ECHA



## Min aħna?

Il-Bord tal-Appell inġoloq mir-Regolament REACH biex jiddeċiedi fuq appelli kontra ċerti deċiżjonijiet meħuda mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA).

Minkejja li l-Bord tal-Appell huwa parti mill-ECHA, huwa jagħmel id-deċiżjonijiet tiegħu b'mod indipendenti.

Kull każ jiġi deċiż minn President, membru tekniku kwalifikat u membru legali kwalifikat.



## Liema deċiżjonijiet jistgħu jiġu appellati?

It-tipi ta' deċiżjonijiet tal-ECHA li ġew meħuda skont ir-Regolament REACH li jistgħu jkunu suġġetti għal appell quddiem il-Bord tal-Appell jinkludu fost l-oħrajn:

- L-eżenzjonijiet mill-obbligazzjoni ġenerali biex jiġu rreġistrati l-PPORDs;
- Ir-rifjuti tar-reġistrazzjonijiet;
- Il-Kondiviżjoni ta' Dejta;
- L-eżaminazzjoni tal-proposti tal-ittestjar;
- Il-verifiki ta' konformità tar-reġistrazzjonijiet;
- Il-valutazzjoni tas-sustanza.

Il-Bord tal-Appell huwa kompetenti wkoll biex jiddeċiedi fuq appelli kontra ċerti deċiżjonijiet tal-ECHA li jittieħdu skont ir-Regolament ta' Prodotti Bijoċidali:

- Applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' sustanza attiva;
- Applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-unjoni ta' prodott bijoċidali;
- Il-valutazzjoni tal-ekwivalenza teknika ta' sustanzi attiva;
- Il-kondiviżjoni tad-dejta.

Għat-tipi ta' deċiżjonijiet tal-ECHA msemmija hawn fuq, appell irid jitressaq quddiem il-Bord tal-Appell qabel ma tittieħed azzjoni quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Jista' jkun possibbli li jkunu appellati deċiżjonijiet oħra tal-ECHA li ma jidhrux fil-lista t'hawn fuq, direttament quddiem il-Qorti Ġenerali.

## Min jista' jappella?

Kull persuna legali u naturali tista' tappella kontra deċiżjoni indirizzata lil dik il-persuna. Kull persuna naturali jew legali tista' wkoll tappella minn deċiżjoni li hija ta' tħassib dirett jew indirett għalihom, anki jekk id-deċiżjoni tkun indirizzata lill-ħaddieħor.

## Meta tappella?

Ġeneralment, ir-Registrar tal-Bord tal-Appell irid jirċievi l-appell fi żmien tliet xhur mid-data tad-deċiżjoni kkontestata.

## Xi spejjeż tinvolvi?

It-tariffi jvarjaw minn € 1 794 sa € 7 175 skont it-tip ta' deċiżjoni li qed tkun appellata u d-daqs tal-kumpanija.

Appell jiġi kkunsidrat li ma jintlaqax jekk it-tariffa tal-appell ma titħallasx qabel id-data ta' skadenza għas-sottomissjoni ta' appell.

## Aktar tagħrif

Aktar informazzjoni fuq il-proċedura tal-appell (fosthom id-direzzjoni ta' prattika, it-tħabbir tal-appelli u d-deċiżjonijiet finali) jistgħu jinstabu fuq is-sit tal-ECHA:

[echa.europa.eu](https://echa.europa.eu)